MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2015

Avviz Numru. 390/2014

**Astral Enterprises Limited**

**(C 5024)**

**vs**

**Adrian Camilleri**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar l-1 ta’ Dicembru 2014 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ sebat elef, tmien mija u erbgha u hamsin Euro u

tmeini centezmu (€7,854.80) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' prezz ta' mekanzija konsenjata u mibjugha lill-intimat kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kif deskritti u bl-imghax mid-data tal-presentata sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni u dana billi, fl 24 ta' Frar 2015, saret l-affissjoni gewwa l-Kunsill Lokali Birzebbugia, l-Ghassa ta' Birzebbugia u fl-indirizz ta' l-intimat (fol 9 tergo), saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fl 10 ta' Marzu 2015 (fol 10) u fit-Times of Malta fit 30 ta' April 2015 (fol 14).

Illi fis-seduta ta' l-14 ta' Mejju 2015 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 16) u l-kawza giet differita ghallum.

Rat illi fis-seduta ta' illum, 18 ta' Mejju 2015 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' ta' sebat elef, tmien mija u erbgha u hamsin Euro u tmeini centezmu (€7,854.80) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------